MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Avviz Numru. 248/2002/1

**Avviz numru 248/02DM**

**De Vilhena Limited**

**Vs**

**Catherine Sammut, Thomas Sammut, Emanuel Sammut u Alfred sive Freddie Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat jizgombraw mill-porzjoni art imlaqqma "Ta' Gebel Ghazzara" limiti Bidnija, proprjeta' tas-Socjeta' attrici' minnhom detenuta bla ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ghall fini ta’ kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-porzjoni art ma jeccedix l-ammont ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 Fl-ewwel lok l-inkompetenza ta’ din l-Qorti rationae materiae stante li hemm involuta (kwistjoni) ta’ titolu fuq immobili;
2 Fit-tieni lok l-atturi rridu jipprovaw t-titolu taghhom skond il-ligi;
3 Fit-tielet lok r-raba in kwistjoni ilha fil-pussess taghhom ghall-ahhar erbghajn sena u huma ghandhom titolu validu ghalih;
4 It-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
5 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat is-sentenza taghha moghtija fl-14 ta’ Jannar, 2004, fejn iddikjarat illi hija l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-konvenuti illi effettivament tezorbita mill-kompetenza taghha u mhux it-talba ta’ l-atturi u cahdet din l-eccezzjoni ta’ inkompetenza kif sollevata mill-konvenuti, filwaqt illi ddikjarat ruhha nkompetenti li tiehu konjizzjoni tal-allegazzjoni ta’ titolu ta’ proprjeta’ opposta mill-konvenuti ghat-talba attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2004, fejn id-difensur tal-konvenuti ddikjara li ebda procedura kif kontemplata fid-decizjoni in parte ta’ din il-Qorti ma giet istitwita mill-istess konvenuti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi kif diga' kkonstatat din il-Qorti fid-decizjoni taghha tal-14 ta' Jannar, 2004, l-atturi ampjament ippruvaw it-titolu taghhom, munit bil-kuntratti debitament insinwati u esibiti f'dawn il-proceduri, u ghalhekk jispetta lill-konvenuti illi jindikaw u jippruvaw xi titolu validu li jista' jkollhom sabiex jibqghu ntitolati li jzommu r-raba fil-pussess taghhom.

Izda, apparti mill-allegazzjoni illi huma ilhom fil-pussess tar-raba in kwistjoni ghall-ahhar erbghin (40) sena, fatt illi ma hux kontestat mill-atturi li del resto istitwew dawn il-proceduri appuntu ghaliex ir-raba in kwistjoni jinsab fil-pussess tal-konvenuti, l-istess konvenuti ma ghamlu ebda accenn ghal xi titolu li jintitolhom li jibqghu f'dan il-pussess oltre l-accenn illi setghu akkwistaw il-proprjeta' bil-preskrizzjoni akwizittiva li pero' ma jirrizultax billi huma naqsu illi jottjenu konferma gudizzjarja ta' dak li setghu qieghdin jippretendu.

Ghaldaqstant jirrizulta illi l-pussess tar-raba in kwistjoni da parti tal-konvenuti, ilu kemm ilu, jibqa' dejjem pussess abusiv u illi l-konvenuti m'ghandhom ebda titolu validu sabiex jintitolahom li jibqghu fil- pussess tar-raba in kwistjoni.

Konsegwentement il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-porzjoni ta' l-art imlaqqma 'Ta' Gebel Ghazzara' fil-limiti tal-Bidnija, proprjeta' tas-socjeta' attrici, u ghal fini ta' l-izgumbrament tipprefigga terminu ta' xahar (1) mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------